MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 218/2006

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-3 ta' Lulju, 2006 li permezz tiegħu A esponiet bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti kienu żżewġu fis-17 ta' Ġunju, 2000 fir-Reġistru Pubbliku Malta u dan kif jidher fl-anness dokument ċertifikat tar-Reġistru Pubbliku markat Dok. "A";

2. Illi miż-żwieġ tagħhom m'għandhom ebda tfal;

3. Illi l-ħajja konjugali bejn il-kontendenti m'għadhiex aktar possibbli minħabba adulterju da parti

tal-konvenut, servizzi, minaċċi, insulti, eċċessi, inġurji gravi u abbandun da parti tal-konvenut li telaq minn Malta f'Settembru 2002 u qatt ma rritorna lura minn dak iż-żmien sal-lum;

4. Illi l-esponenti rikorrenti ntavolat rikors fid-29 ta' Settembru, 2004 quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex tipproċedi b'kawża ta' separazzjoni u sabiex jiġu appuntati kuraturi deputati, u dan kif jidher mill-anness rikors markat Dok. "B". Illi tali rikors kien ġie awtorizzat kif jidher fl-anness Dok. "C".

5. Illi l-esponenti rikorrenti ma pprezentatx tali rikors ġuramentat quddiem din l-Onorabbli Qorti entro x-xahrejn, u għalhekk permezz ta' rikors ieħor intavolat fid-19 ta' Ġunju, 2006 quddiem din l-Onorabbli Qorti, ir-rikorrenti esponiet talbet sabiex tiġi awtorizzata tipproċedi b'kawża kontra żewġha kif jidher fl-anness Dok. "D", liema Qorti tat digriet favorevoli lill-esponenti rikorrenti sabiex tipproċedi b'kawża quddiem din il-Qorti, liema digriet qiegħed jiġi hawn anness bħala Dok. "E".

6. Illi r-rikorrenti esponenti qegħda permezz ta' dan ir-rikors ġuramentat tipproċedi b'separazzjoni personali minn ma' żewġha B;

Għaldaqstant, il-konvenut prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet imputabbli lill-konvenut u għall-finijiet ta' l-Artikolu 48(c) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut għandha tkun kunsidrata li minnha kienet ħatja tal-firda;

2. tawtorizza lill-attriċi tgħix separata minn mal-intimat żewġha;

3. tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tordna li l-istess oġġetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti, inkluż li jiħallsu lura kwalunkwe somom ta' flus li ġew mislufa lill-konvenut mill-attriċi;

5. tikkundanna lill-konvenut tikkonsenja lill-attriċi rikorrenti l-beni kollha dotali u parafernali tiegħu u separatament, u tordna lill-attriċi tiġi mogħtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tiegħu;

6. tawtorizza lill-attriċi li tirreġistra ossia tniżżel fir-Reġistru Pubbliku s-sentenza eventwalment mogħtija minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut illi huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-2 ta' Ottubru, 2006 li permezz tagħha l-intimati nomine esponew bir-rispett;

Illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti li wasslu għal dan ir-rikors iżda hekk kif l-attriċi tgħaddilhom kull tagħrif li għandha – l-aktar l-indirizz ta' żewġha, B, nieqes minn Malta u li għalih l-esponenti nħatru kuraturi biex jidhru – huma jagħmlu l-almu tagħhom ħalli jaqbdu ma' l-imsemmi B u jkunu jistgħu jikkontestaw il-kawża;

Illi fi kwalunkwe każ jidher li t-tieni u s-sitt talba huma żejda.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit ta' l-attriċi u d-dokumenti esebiti minnha.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-20 ta' April, 2007 illi permezz tiegħu d-difensur ta' l-attriċi ddikjara li ma hemmx passiv fil-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet u l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba r-raġunijiet indikati fiċ-ċitazzjoni. Il-Qorti eżaminat ix-xhieda kontenuta fl-affidavit u ma hemm ebda dubju li t-talbiet attriċi għandhom jiġu akkolti. Il-konvenut issa abbanduna d-dar konjugali u addirittura telaq minn Malta. Iż-żwieġ beda jikkrolla ċirka fil-bidu ta' Jannar 2002. Il-partijiet ma kellhomx passiv fil-komunjoni ta' l-akkwisti u miż-żwieġ ma kienx hemm tfal.

Kif ġia' ingħad il-konvenuti ma kinux f'pożizzjoni li jressqu provi.

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għalhekk;**

**1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet għar-raġunijiet indikati fir-rikors u tistabilixxi li l-konvenut kien ħati għall-firda b'effett mill-1 ta' Jannar, 2002;**

**2. tilqa' għalhekk it-tieni talba;**

**3. tiddikjara li sa fejn applikabbli japplikaw għall-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 48 tal-Kapitolu 16;**

**4. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba;**

**5. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames talba;**

**6. tilqa' s-sitt talba.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut iżda l-attriċi għandha tħallas provisorjament l-ispejjeż u drittijiet tal-kuraturi deputati.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------